Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,324, 8 ta' Ottubru, 2024

Taqsima B

A.L. 259 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Theology – M.Th. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master in Theology – M.Th. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-grad ta' Master in Theology – M.Th. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 361 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2024 'il quddiem.

It-Tħassir tal-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 12 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 13 sa 16 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 13 sa 16 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 12 sa 15.

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għall-istudenti li jsegwu l-programm ta' studju ta' 30 krettu ECTS għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati li kienu miksuba fit-taqsimiet-studju tal-ħames sena (60 krettu ECTS) tal-kors tal-Bachelor of Sacred Theology kif ukoll fuq ir-riżultati miksuba fil-programm ta' studju ta' 30 krettu ECTS, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs, diment li għall-istudenti li ngħataw il-grad tal-ewwel ċiklu skont skema ta'gradi li hija sostanzjalment differenti minn dik li qed tintuża bħalissa fl-Università ta' Malta, il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad tiġi kkalkolata fuq il-bażi tar-riżultat/i miksuba fil-programm ta' 30 krettu ECTS biss."

L-Emenda għall-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 15 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"15. Il-grad ta' Master in Theology huwa ekwivalenti għall-grad kanoniku mogħti wara li jintemm b'suċċess il-grad tal-ewwel ċiklu fl-istudji filosofiċi u teoloġiċi, kif preskritt mill-Kostituzzjoni Appostolika *Sapientia Christiana* u mill-Kostituzzjoni Appostolika *Veritatis gaudium*."